**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 13 ta' Gunju, 2023**

**Rikors Guramentat Nru: 278/2021 AF**

**Peter Paul Grima**

**u**

**Francine Debono**

**vs**

**Philippa *sive* Lynn Zahra**

**u**

**Chase Zammit**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-atturi Peter Paul Grima u Francine Debono, li permezz tieghu wara li gie premess illi:

Iz-zewg rikorrenti huma ulied id-defunt Joseph Grima, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 159736(M) u Angela *sive* Lilian Grima, detentriċi tal-karta tal-identità bin-numru 300137(M), flimkien ma' zewg huthom ohra Mark William u Simon Grima (K.I. 0464861 u 0166566M rispettivament).

Permezz ta' kuntratt datat 31 ta' Ottubru 2019 fl-atti tan-Nutar Dr. Malcolm Mangion, Mark William Grima u Simon Grima assenjaw liz-zewg rikorrenti id-dritt litigjuz senjatament *"dak kollu spettanti lilhom kif jirrizulta mill-likwidazzjoni tal-porzjon rizervat tal-mejjet missierhom Joseph Grima, li kien irtirat u kien iben Carmel u Francesca neé Sestito, imwieled Zejtun nhar l-4 ta' Frar 1936 u kien residenti Sliema bil-karta tal-identità numru 159736M"* li ghandhom x'jippromwovu fil-konfront tal-konvenuti biex b'hekk ir-rikorrenti gew liberati li jikkuntrattaw mal-konvenuti ghal-likwidazzjoni u hlas tal-porzjon rizervat [Kuntratt anness u mmarkat Dok. A].

Joseph Grima miet nhar it-tlieta (3) ta' Frar tas-sena elfejn u sbatax (2017) [Dok. B], f'liema żmien huwa kien fil-fatt legalment separat minn ma' Angela *sive* Lilian Grima skond l-atti magħmula quddiem in-Nutar Dottor Pierre Falzon, liema Atti ġie nsinwat nhar il-hamsa u għoxrin (25) ta' Mejju, elfejn u tnejn (2002) u b'permezz ta' liema ġiet xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti [Dok. C].

Għal għexieren ta' snin, id-defunt Joseph Grima kien fil-fatt f'relazzjoni intima mal-intimata Philippa *sive* Lynn Zahra, detentriċi tal-karta tal-identità bin-numru 258959(M), u fil-fatt Joseph Grima u l-intimata kienu jikkoabitaw ghal hafna snin.

Mir-riċerki testamentari li saru wara l-mewt ta' Joseph Grima (Dok. D), irriżulta li huwa miet testat u dan peress li huwa kien

għamel testment fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Jannar elfejn u sbatax (2017), liema testment sar fl-Atti tan-Nutar Dottor Reuben Collins u dan waqt li l-istess defunt kien rekoverat fir-residenza Prince of Wales, fi Triq Manwel Dimech, Sliema, ftit jiem qabel mewtu [Dok. E].

Permezz ta' dan it-testment id-defunt Joseph Grima ħalla lil intimata Philippa *sive* Lynn Zahra eredi universali u padruna assoluta tal-ġid kollu tiegħu, fil-persentaġġ ta' ħamsa u sebgħin fil-mija (75%) filwaqt li ħalla lill-intimata l-oħra Chase Zammit, u ċioè l-wild naturali ta' Philippa *sive* Lynn Zahra eredi universali u padruna assoluta tal-ġid kollhu tiegħu, fil-persentaġġ ta' ħamsa u għoxrin fil-mija (25%).

Di più permezz tat-testment surrefferit, id-defunt Joseph Grima ordna li Philippa *sive* Lynn Zahra tiġi mħallsa; *"s-somma ta' tliet mija u ħamsin elf Ewro (€350,000), u dan bħala pagament għas-saldu ta' pagament ieħor li kien sar akkont tas-serviġi reżi matul dawn l-ahhar għoxrin (20) sena mill-istess Philippa Zahra..."*[1]

Hemm diversi binarji li fuqhom qedgħa tiġi msejsa din il-kawża u li jagħtu lok għal-kontestazzjonijiet li qegħdin iressqu r-rikorrenti permezz tar-rikors ġuramentat odjern.

Huwa nkonċepibbli illi dak li għamlet l-intimata Lynn Zahra mad-defunt matul ir-relazzjoni ta' bejna u bejn l-istess Joseph Grima għandu jiġi meqjus bħala serviġi, il-għaliex dak li tagħmel mara għal żewġha ma jsirx bl-intenzjoni li jitħallas kumpens, prinċipju assodat fil-ġurisprudenza lokali, u li kif ser jintwera waqt it-trattazzjoni tal-kawża odjerna, dan il -principju huwa estiz ukoll ghal persuni li jikkoabitaw.

F'diversi sentenzi tal-Qrati nostrana jingħad li kwistjoni li tinvolvi serviġi hija msejsa fuq żewġ sisien, l-ewwel, fuq il-kważi-kuntratt u t-tieni, fuq il-preżunżjoni li min qed jagħti s-servizz lil ħaddieħor, qiegħed jaghmel dan bl-intenzjoni li jitħallas ta' dak li qiegħed jagħmel u bl-eskluzjoni tal-element tal-gratuwità. Applikat dan l-element fil-każ odjern, huwa ferm ikkontestat mir-rikorrenti li l-intimata Lynn Zahra għamlet dak li għamlet ma

[1] Paġna 1 tat-testment datat il-wieħed u għoxrin (21) ta' Jannar 2017 hawn anness u mmarkat bħala Dok E.

missierhom, u ċioè d-defunt Joseph Grima, bl-intenzjoni li titħallas, u dan peress li l-azzjonijiet tal-intimata Zahra matul is-snin, juru mod ieħor, u dan kif ser jiġi spjegat fit-tul u bir-reqqa, waqt is-smiegħ tal-kawża.

Jekk f'xi perjodu matul ir-relazzjoni in kwistjoni, l-intimata Lynn Zahra fformolat l-intenzjoni li tingħata xi forma ta' kumpens, dan irid jiġi mistoqsi, evalwat u stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, bħal ma jrid jiġi wkoll stabbilit iż-żmien, jekk xejn, meta r-relazzjoni ta' bejn l-intimata Lynn Zahra u d-defunt Joseph Grima waqfet tkun dik intima u amoruża, u bdiet tkun waħda li tixbah aktar dik ta' kura pprestata bl-intenzjoni tal-ħlas u għalhekk serviġi.

Kif ser jintwera waqt is-smiegħ tal-kawża, ir-relazzjoni ta' bejn l-intimata Lynn Zahra u d-defunt Joseph Grima waslet għas-separazzjoni tad-defunt Grima minn ma' omm ir-rikorrenti u li sussegwentement waslet ukoll sabiex fl-ahhar gimghat ta' hajtu, d-defunt jibda proċeduri ta' divorzju[2], anke jekk dawn qatt ma ġew mitmuma konsegwenti tad-deċess ta' l-istess Grima, bl-intenzjoni li l-istess Grima jiżżewweġ lil intimata.

Fil-proċeduri ta' divorzju tad-defunt Joseph Grima minn ma' omm ir-rikorrenti[3], l-istess defunt kien qieghed jiġi rapprezentat mil-intimata Lynn Zahra, liema proċeduri bdew f'Jannar ta' elfejn u sbatax (2017) u gew fi tmiemhom wara l-mewt ta' l-istess Joseph Grima [Kopja legali tas-sentenza annessa u mmarkata Dok. F].

Oltre minn hekk, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, anke jekk din l-Onorabbli Qorti jidrilha li l-intimata Philippa Zahra jistħoqqilha li tiġi kkumpensata għal kwalunkwe għajnuna li hija tat lid-defunt Joseph Grima, l-ammont ta' tlett mija u ħamsin elf Ewro (€350,000) oltre l-pagament li jissemma' mit-testatur li kien digà sar tul hajtu (liem ammont mhux indikat) mħolli lil intimata certament li huwa eċċessiv u mhumiex proporzjonati mas-servigi li allegatament gew rezi minnha.

---

[2] [2] Qorti Civili, Sezzjoni tal- Familja, Ref 527/16 RGM deciza fl-14 ta' Lulju 2017
[3] Qorti Civili, Sezzjoni tal- Familja, Ref 527/16 RGM deciza fl-14 ta' Lulju 2017

Dan ifisser ukoll li bl-ammont hekk kif imħolli fit-testment surreferit, id-drittijiet tar-rikorrenti f'dak illi jirrigwarda l-porzjon riżervat tagħhom, gie serjament preġudikat u dan konsegwenti tal-fatti li ser jiġu kkunsidrati tul is-smiegh tal-kawza.

Di più, r-rikorrenti għandhom dritt tal-porzjoni lilhom riżervat skond il-liġi fuq is-sustanzi kollha ereditarji tal-ġenituri, kompriż il-legati rimuneratorji, donazzjonijiet *inter vivos*, u beni u sustanzi oħra mħollija jew mogħtija mid-decujus.

L-intimati aċċettaw, *sia* taċitament, *sia* espressament l-eredità ta' Joseph Grima.

Ir-rikorrenti għandhom interess illi ssir il-likwidazzjoni tas-sehem rizervat tal-wirt ta' Joseph Grima sabiex jieħdu dak spettanti lilhom bil-liġi.

Minkejja li l-konvenuti gew interpellati b'ittra ufficjali 1892/2018 datata 30 ta' Mejju 2018 (Dok. G) ghal hlas tas-sehem rizervat spettanti lilhom mill-wirt ta' missierhom, huma baqghu inadempjenti.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenuta Philippa Zahra ma għandha l-ebda intitolament għal serviġi li allegatament ġew pprestati lil Joseph Grima; jew b'mod alternattiv jekk kemm il-darba din l-Onorabbli Qorti jidrilha li kien hemm xi forma ta' serviġi li ġew reżi f'dan is-sens, Tillikwida l-kumpens xieraq in linea ta' serviġi, kuri u assistenzi reżi minnha, occorrendo bl-għajnuna ta' Periti nominandi;

2. Konsegwentament, tiddikjara illi t-Tieni Artikolu, li jinsab fuq l-ewwel u t-tieni pagna tat-tesment ta' Joseph Grima datat 21 ta' Jannar 2017 ma ghandux effetti ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi;

3. Tillikwida l-massa ereditarja tal-imsemmi Joseph Grima billi jiġi ddikjarat li jikkonsisti f'dawk il-beni u l-assi kollha li kienu jezistu fid-data tal-mewt tieghu kif ukoll f'dawk l-assi li ddispona minnhom gratwitament skond l-artikolu 620 (3)

tal-Kodici Civili ta' Malta (Kap. 16) u dak kollu li jidħol fil-formazzjoni tal-imsemmija eredita' skond il-liġi;

4. Tillikwida favur kull wieħed mill-rikorrenti l-porzjon riżervat li jmisshom skond il-liġi, mill-eredità tad-defunt Joseph Grima, tenut in konsiderazzjoni wkoll il-kuntratt datat 31 ta' Ottubru 2019 fl-atti ta' Dr. Malcolm Mangion li permezz tieghu ir-rikorrenti kienu akkwistaw id-dritt ligigjuz taz-zewg huthom l-ohrajn;

5. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom, *in solidum* bejniehtom, iħallsu lir-rikorrenti s-sehem rizervat hekk likwidat, u inkwantu ghal-konvenuta Lynn Zahra, flimkien mal-imghax legali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) ai termini tal-artikolu 615(2) mill-14 ta' Novembru 2018, cioè data tan-notifika tal-ittra ufficjali tat-30 ta' Mejju 2018 Ref. 1892/2018 fl-ismijiet Grima Mark et vs Zahra Dr Philippa et.

Bl-ispejjeż tal-ġudizzju kontra l-intimati jew min minnhom li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta maħlufa tal-konvenuti Philippa *sive* Lynn Zahra u Chase Zammit li permezz taghha gie eccepit illi:

Preliminarjament, l-ewwel u t-tieni domanda dedotti mill-atturi huma nulli u irritwali, billi l-atturi qeghdin jitolbu n-nullità parzjali tat-testment tal-21 ta' Jannar tas-sena 2017, u dan huwa inammissibbli. Hekk ukoll u minghajr pregudizzju ghall-generalità tas-surreferit, jinghad li l-atturi lanqas m'ghandhom il-jedd u/jew l-interess guridiku mehtieg *qua* legittimarji sabiex jikkontestaw il-legat mholli lill-esponenti Philippa sive Lynn Zahra bil-mod indikat f'din l-azzjoni u dana ghaliex, skond il-ligi u wkoll skond kazistika kostanti, l-legati ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni sabiex tigi determinata l-porzjon rizervata. Konsegwentement l-unika kontestazzjoni possibbli u permissibbli da parti tal-legittimarji hija dik li tali legat jeccedi l-parti disponibbli tal-patrimonju, u f'tali kaz, ghandha tapplika r-riduzzjoni relattiva wkoll skond il-ligi. Huwa car li, permezz ta'

din il-kawza, l-atturi mhux qed jallegaw dan u lanqas ma ressqu ebda talba abbazi ta’ din il-premessa u fil-fatt qed jikkontestaw il-legat mholli *in toto*, mhux ghaliex b’xi mod jeccedi l-parti disponibbli, imma semplicement fil-mertu ghaliex huma ma jaqblux u ma jridux jirrispettaw il-volontà tat-testatur u kwindi jippretendu li dan jitqies null.  Huwa car li tali dritt t’azzjoni mhuwiex disponibbli lill-atturi u ghaldaqstant huwa car li l-ewwel u t-tieni talbiet ghandhom jigu michuda minnufih bl-ispejjez kontra l-istess atturi.

Bla pregudizzju ghall-premess, f’kull kaz l-ewwel u t-tieni domanda dedotti mill-atturi huma infondati kemm fil-fatt u kemm fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu respinti bl-ispejjez, billi l-eccipjenti Zahra ipprestat servigi estensivi lid-*decuius* u ghalhekk il-legat rimuneratorju mholli lilha, u ffissat volontarjament mill-istess testatur, ghandu jibqa’ shih u bla mittiefes.

Dejjem bla pregudizzju ghall-premess, ic-cessjoni allegatament imwettqa bl-att tal-31 ta’ Ottubru tas-sena 2019 m’ghandu ebda effett fil-konfront tal-eccipjenti, u dan kemm ghaliex tali cessjoni ma gietx notifikata skond l-artikolu 1471 tal-Kodici Civili, u kemm ghaliex l-istess cessjoni saret bi frodi tad-drittijiet taghhom u bl-iskop li jigu evazi l-obbligazzjonijiet tac-cedenti.

Dejjem bla hsara ghas-sueccepit, is-sehem riservat spettanti lill-atturi ghandu jigi kalkolat fuq il-valur tal-assi fiz-zmien tal-apertura tas-successjoni tad-*decuius* Joseph Grima, wara li jitnaqqsu d-djun ezistenti fl-istess zmien, inkluz allura l-legat imholli lill-esponenti Philippa sive Lynn Zahra, u l-ispejjez tal-funeral tal-istess *decuius*, a tenur tal-artikolu 620(2) tal-Kodici Civili.

Minghajr pregudizzju ghall-premess, mis-sehem riservat spettanti lill-atturi ghandhom jitnaqqsu l-beni kollha kollazzjonabbli akkwistati minnhom minghand it-testatur matul hajjithom, a tenur tal-artikolu 620(4) tal-Kodici Civili.

Minghajr pregudizzju ghall-premess, kontra kull ammont li jista’ talvolta jigi likwidat favur l-atturi ghandhom jigu pacuti ammonti ohrajn li huma dovuti mill-istess atturi lill-eccipjenti, kif se

jintwera waqt it-trattazzjoni tal-kawza, dan inkluzi dawk l-ammonti dovuti lill-esponenti jew lil minnhom mic-cedenti, dana a tenur tal-Art. 1472(d) tal-Kodici Civili.

Ukoll minghajr ebda pregudizzju ghas-sueccepit, it-talba tal-atturi ghall-impozizzjoni t'imghaxijiet kontra l-eccipjenti Zahra b'effett mill-14 ta' Novembru, 2018, ma tistax tigi milqugha billi, fost hwejjeg ohra, l-atturi qeghdin ingustament jimpunjaw legat rimuneratorju mholli lill-eccipjenti Zahra, kif ukoll ghaliex is-sehem riservat mhuwiex facilment determinabbli stante li ghad hemm pendenzi llikwidi u kkontestati li jiffurmaw parti mill-istess eredità, komprizi wkoll djun dovuti mill-legittimarji stess.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-atturi, li huma minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat illi minkejja l-opportunità lilhom konċessa l-atturi ma ppreżentawx nota ta' sottomissjonijiet.

Rat in-nota ta' sottomissjoniet tal-konvenuti.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum limitatament dwar l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-konvenuti.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawża l-atturi qegħdin jitolbu l-likwidazzjoni, jekk ikun il-każ, ta' kumpens in linea ta' serviġi, kuri u assistenza prestanti mill-konvenuta Zahra lil Joseph Grima. Konsegwentement qegħdin jitolbu lill-Qorti tiddikjara bħala null u mingħajr effett it-tieni artikolu tat-testment ta' Joseph Grima tal-21 ta' Jannar 2017 fl-atti tan-Nutar Dottor Reuben Collins fejn dan iddispona illi l-konvenuta Zahra għandha tirċievi s-somma ta' €350,000 rappreżentanti serviġi reżi lilu fuq medda t'għoxrin (20) sena.

In linea preliminari, il-konvenuti eċċepew in-nullità tat-talbiet attriċi stante illi l-atturi *qua* leġittimarji m'għandhom ebda jedd fil-liġi illi jitolbu n-nullità parzjali tat-testment tal-21 ta' Jannar 2017. Jgħidu wkoll illi l-atturi lanqas m'għandhom l-interess

ġuridiku jew id-dritt *qua* leġittimarji illi jikkontestaw il-legat imħolli lill-konvenuta. Ikomplu jeċċepixxu illi l-uniku dritt spettanti lill-atturi *qua* leġittimarji huwa dak tal-kontestazzjoni tal-legat fis-sens li dan jeċċedi l-porzjoni riżervata.

Minn dak illi jirriżulta mill-premessi u mit-talbiet, il-kontestazzjoni tal-atturi mhijiex fis-sens li t-tħollija tal-legat teċċedi l-porzjoni riżervata. Il-kontestazzjoni hija dik dwar il-legat fit-totalità tiegħu. Huwa evidenti illi l-azzjoni attriċi hija mmirata sabiex tattakka l-legat għaliex il-leġittimarji u ulied id-*decuius* mhumiex jaqblu mal-laxxitu sostanzjali li missierhom ħalla favur is-sieħba tiegħu.

Dwar is-sehem riżervat, u in kwantu dak illi huwa ta' interess għall-proċeduri odjerni, l-Artikolu 615 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi illi:

> *"615.(1) Is-sehem riżervat huwa l-jedd fuq il-beni tal-mejjet riżervat mil-ligi favur id-dixxendenti tal-mejjet u min mill-mara jew ir-raġel jibqa' ħaj.*
>
> *(2) L-imsemmi jedd huwa kreditu tal-valur tas-sehem riżervat kontra l-beni tal-mejjet. ..."*

L-Artikolu 620 tal-Kap. 16 jistabbilixxi illi t-testatur ma jistax jaggrava s-sehem riżervat b'xi piż jew kondizzjoni u f'każ li t-testatur jonqos f'dan, l-Artikolu 647 jistabbilixxi li d-disposizzjonijiet li jaqbżu s-sehem riżervat għandhom jitnaqqsu sas-sehem riżervat. L-artikolu 651 ikompli jipprovdi illi t-tnaqqis isir pro rata mingħajr ebda differenza bejn werrieta u legatarji. L-Artikolu 652 imbagħad jipprovdi għar-rispett lejn ir-rieda tat-testatur tant illi jipprovdi illi fejn it-testatur ikun espressament ipprovda li disposizzjoni għandu jkollha preferenza fuq oħra, "*kull dispożizzjoni bħal din ma tiġix imnaqqsa ħlief f'daqs kemm il-valur tal-ħwejjeġ imdaħħlin fid-dispożizzjonijiet oħra ma jkunux biżżejjed biex ilaħħaq is-sehem mogħti mil-liġi*."

Minn qari ta' dawn id-dispożizzjonijiet jidher evidenti li l-leġislatur ried jillimita l-azzjoni tal-leġittimarju għal dak strettament marbut mal-porzjoni riżervata in kawtela tad-drittijiet spettanti lill-istess leġittimarju.

Il-ġurista Giuseppe Trabucchi fi Trattato di Diritto Civile[4] josserva illi l-unika azzjoni li tispetta lil-leġittimarju hija dik tar-riduzzjoni tad-dispożizzjonijiet testamentarji għall-fini tar-rikostruzzjoni tal-patrimonju tal-mejjet sabiex jiġi stabbilit jekk inqabżitx il-kwota spettanti lil-leġittimarju bħala s-sehem riżervat lilu.  Ikompli jgħid hekk:

> *"Il legittimario, solo in quanto tale, non e – almeno secondo la giurisprudenza dominante – un erede.  Il legittimario pretermesso, cioe escluso dalla successione con un testamento che sia a totale vantaggio di altri successibili, afferma bensi i suoi diritti alla successione, ma in una forma particolare, e in rispetto a un'eredita' (pars bonorum) che non e costituita soltanto dal relictum.  In questo senso, la giurisprudenza lo considera come un soggetto che chiede un eventuale utile successorio mediante la riduzione: e non lo chiede come qualsiasi erede, perché come tale dovrebbe rispettare le disposizioni del de cuius; né si puo esigere anche per lui una previa accettazione dell'eredita' perche una chiamata per lui non esiste (...); l'azione gli é attribuita dalla legge a tutela di un diritto proprio, e pertanto egli potrá giovarsi anche di mezzi che non sarebbero stati a disposizione dello stesso de cuius (es. Per la prova della simulazione)"*

Fis-sentenza tagħha tal-20 ta' Novembru 1998 fl-ismijiet Joseph Vella vs Anthony Bezzina et il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) osservat illi:

> *"il-leġittima hija kwota ta' beni u mhux speċi determinata ta' beni b'mod li jekk id-decujus ma jkunx iddispona minn dik il-kwota huwa jkun ġie josserva l-liġi u ma jistax jiġi attakkat fit-testment tiegħu (Vol. XXXIV.ii.574).  Dan ifisser illi l-leġittimarju ma jistax jippretendi d-dritt li fil-leġittima tiegħu tiġi mdaħħla parti minn kwalunkwe waħda mis-sustanzi li jikkomponu l-assi patrimonjali tad-decujus. Konsegwentement, meta d-decujus iħalli xi legat jew*

[4] Quarantesima Prima Edizione, CEDAM, 2004, Sezione IV, I Diritti Dei Legittimari, pg. 443 et seq.

*jagħmel xi donazzjoni, il-leġittimarju ma jistax jinjora dak il-legat u jitlob li parti mill-beni li jikkomponu dak il-legat tiġi mdaħħla fil-leġittima u tiġi assenjata lilu. Dak il-legat jew dik id-donazzjoni għandhom jiġu meħuda in konsiderazzjoni biss għall-fini tal-kalkolu tal-leġittima u jekk hemm lok għar-riduzzjoni tagħhom fil-każ li din tiġi leża*."

In vista tad-disposizzjonijiet tal-liġi kif riflessi fil-ġurisprudenza, l-unika azzjoni li tispetta lil-leġittimarju hija dik tar-riduzzjoni tad-dispożizzjonijiet testamentarji li jaqbżu s-sehem riżervat bil-liġi favur il-leġittimarju. Ebda azzjoni ulterjuri ma hija disponibbli lil-leġittimarju wisq anqas dik għall-annullament tat-testment jew tad-dispożizzjonijiet dwar il-legat kif proprju talbu l-atturi permezz ta' dik il-kawża.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet il-Qorti ssib illi l-atturi *qua* leġittimarji m'għandhomx il-jedd illi jressqu l-azzjoni kif minnhom proposta.

Għalhekk u ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' l-ewwel eċċezzjoni u tichad l-ewwel zewg talbiet tar-rikorrenti.

l-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.

IMHALLEF

DEP/REG